**Kunsill Lokali L-Imġarr**

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
www.mgarrlc.com

# Seduta numru 11 tas-7 Leġislatura
# Illum l-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014

N.B.
Din is-Seduta ġiet imħassra mill-Ħamis 9 ta' Jannar minħabba qtugħ tal-provvista tal-elettriku u ġiet imsejjħa mill-ġdid għall-Erbgħa 15 ta' Jannar.

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 11 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar l-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014, fl-Uffiċċju Amministrattiv, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Ftuħ ta' offerti għall-Tenders tal-Bankina ta' Triq Fisher
5. Ġieħ l-Imġarr 2014
6. Żjara f' Lagosanto fl-Italja
7. Affarijiet Mixxelanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Elizabeth Ebejer u l-Kunsillier Mario Sammut, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

## 1 Minuti

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

**Punti mill-Minuti**

1.2 dwar punt 3.1 - Is-sindku informa li kienu inġabru kwotazzjonijiet għall-blokki tal-konkos biex jillimitaw l-aċċess għall-fuq ir-rampa tal-Ġnejna. Il-blokki ġew ordnati mingħand GMF Precasts peress li kienu l-aktar offerti vantaġġjużi.

1.3 dwar punt 6.1 - Il-Kunsill qabel li tintbgħat korrispondenza lill-Ministru tas-Saħħa biex tissejjaħ laqgħa miegħu biex jiġi diskuss din il-proposta tat-tkabbir taċ-Ċimiterju.

## 2 Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 MEMO 34/2013 - dwar sejħiet u kuntratti ta' manutenzjoni tad-dwal fit-toroq - Il-Kunsill ddeċieda li għandu jippromuovi kemm jista' jkun l-idea li jsir kuntratt bħala reġjun.

2.4 Memos oħra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar id-dati tas-sena finanzjarja kif ukoll dwar l-allokazzjoni finanzjarja għall-Kunsill Lokali tal-Imġarr.

2.5 Korrispondenza mingħand Transport Malta fejn l-applikazzjoinjiet għall-'Loading/Unloading Bays' ġiet milqugħa fil-kaz ta' Triq Sir Harry Luke, u miċħuda fil-każ ta' Triq il-Kbira u Triq San Pietru.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 Mario Sammut informa li flimkien ma' Elizabeth Ebejer, attendew għal-Laqgħa Plenarja tal-Assoċċjazzjoni tal-Kunsill Lokali. Fost l-argumenti imsemmi, Mario Sammut semma' li l-Onorevoli Herrera informa li r-Restoration Unit kienet issa bdiet taqa' taħt ir-responsabbilta' tas-Segretarjat tiegħu. Is-Sindku issuġġerixxa li il-Kunsill għandu jipproponi lil din il-Unit biex twettaq xogħlijiet ta' manutenzjoni lill-kappella ta' Binġemma.

3.2 Mario Sammut informa li kien irċieva korrispondenza minn Olaf Schabbach min Morbach fil-Ġermanja dwar il-possibilita' ta' skambji li jinkludu l-ospitalita ta' xi studenti Ġermanizi fil-familji fl-Imġarr kif ukoll li it-team tal-football tan-nursery

tal-Imġarr jilta' jieħu sehem f' turnament fil-Ġermanja. Issemma wkoll il-possibilta' ta' proġett ta' riġenerazzjoni ta' l-enerġija mid-demel tal-annimali.

## 4. Ftuħ ta' offerti għall-Tenders tal-Bankina ta' Triq Fisher

4.1 Peress li id-data ta' għeluq is-sejħa għall-offerti tax-xogħol fuq il-bankina ta' Triq Fisher għalqu dak in-nhar tas-seduta, l-offerti ġew miftuħa dak il-ħin.

4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien ma' Eman Vella u Mario Sammut fetħu l-kaxxa tal-offerti fejn irriżulta li kien hemm 2 offerti :

- Vella Group Ltd : €51,202.21
- Adam Bugeja Paving Services : €31,891.91

4.3 Il-Kunsill iddeċieda li jgħaddi l-offerti li rċieva lill-Perit tal-Kunsill sabiex jagħmel rapport fuq dawn iż-żewġ offerti.

## 5. Ġieħ l-Imġarr 2014

5.1 Clayton Gauci informa li hu, flimkien ma' eman Vella u Mario Sammut, kienu ltaqgħu mal-Banda tal-Imġarr kif ukoll mal-banda Imperial tal-Mellieħa dwar il-programm ta' Ġieħ l-Imġarr. Wara diversi diskuzzjonijiet kien ġie deċiż ddoqq mill-Banda Imperial flimkien mal-alievi tal-banda tal-Imġarr, kif ukoll li s-surmast tal-Banda tal-Imġarr imexxi silta waħda.

5.2 Il-Kunsill approva dawn id-deċiżjonijiet, kif ukoll laqgħa it-talba li jkun hemm iż-żewġ standardi taż-żewġ baned esposti fuq il-palk. Ġie deċiż ukoll li jiġi pprovdut servizz tat-trasport għall-alievi għall-Mellieħa. Is-Segretarju Eżekuttiv kien ser jinforma lis-Surmast tal-Banda tal-Imġarr b' dawn id-deċiżjonjiet.

5.3 Elizabeth Ebejer staqsiet dwar minn kien ser ikunu il-preżentatur tas-serata. Dawn għadhom ma ħewx finalizzati għalkemm ġew diskussi diversi ismijiet.

5.4 Ġew preżentati wkoll numru ta' kwotazzjonijiet tal-ikel għall-festin li jsir dak in-nhar u ġie deċiż li dan jiġi ordnat mingħand Mannarinu peress li kien l-aktar wieħed ekonomikament vantaġġjuż.

5.5 In-nominazzjoni pubbliċi għal-Ġieħ jew Rikonoxximent jgħalqu nhar l-Erbgħa 29 ta' Jannar, u dak in-nhar il-Kunsill ser jiltaqa' sabiex jevalwa in-nomini.

## 6. Żjara f' Lagosanto fl-Italja

6.1 Wara ż-żjara li Paul Vella, Eman Vella, Mario Sammut u Clayton Gauci wettqu fil-lokalita' Taljana ta' Lagosanto (liema żjara kienet iffinanzjata mill-fondi personali), ġie diskuss u deċiż li għandu jibda' proċess li jesplora l-possibbilta' ta' Ftehim ta' Ġemellaġġ bejn il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr u l-Comune ta' Lagosanto.

6.2 Dan il-proċess għandu jiskatta la darba isir qbil bejn iż-żewġ partijiet waqt diskussjonijiet li ser isir matul iż-żjara ta' delegazzjoni minn Lagosanto fl-Imġarr għall-okkazzjoni ta' Ġieħ l-Imġarr.

## 7. Affarijiet Mixxelanji

7.1 Il-Kunsill ddiskuta u approva numru ta' bozzoz ġodda fit-toroq li ser ikun qed japplika għalihom. Dawn huma:

- 2 fi' Triq Santa Marija
- 1 fi' Triq Andrea Deguara
- 1 fi' Triq in-Niċċa, f' Binġemma
- 1 fi' Triq Skorba
- 1 fi' Triq il-Palma
- 1 fi' Triq ta' Mrejnu

7.2 Il-Kunsill ddeċieda li jsejjaħ lill-avukat tal-Kunsill sabiex jagħmle abozz ta' kuntratt biex jirregolarizza it-twaħħil tal-U-Bends fit-toroq peress li qed ikun hemm domanda ikbar. Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikellem lill-Dr. Raphael Fenech Adami.

7.3 Mario Sammut informa li kien ser ikun hemm fondi allokati għall-attivatijiet kulturali marbutin mal-Valletta 2018. Hu sostna li jkun tajjeb li l-Kunsill jibda' jaħseb għall-attivitajiet li jistgħu jittellgħu. Is-Segretarju Eżekuttiv ppropona li tinħoloq facebook page għall-Mużew ta' Arti Kontemporanja li jinsab fil-bini tal-Kunsill bl-oġġetti artistiċi ta' Dame Francoise Tempra. Mario Sammut laqgħa l-proposta u ser ikun qed jara it-twettieq tagħha.

7.4 Mario Sammut informa li il-Kunsill kien ser idaħħal proposta ta' skambju għaż-żgħażagħ bejn it-13 u 17 -il sena fl-Italja fl' Lulju li ġej.

# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
**www.mgarrlc.com**


7.5 Mario Sammut informa li kienet ser tiġi organizzata il-Maratona Sports annwali bejn it-8 u 9 ta' Marzu. Il-fondi li jinġabru immorru biex jgħinu il-proġetti tal-Oratorju fl-Imġarr kif ukoll id-Dar tal-Providenza.

7.6 Elizabeth Ebejer infurmat li l-kors tal-miżżewwġin kien ser isir matul Mejju u Ġunju u li l-applikazzjonijiet għalih kienu ser joħorġu f' April.

7.7 Clayton Gauci irrapporta li xi anzjani kellmuh biex jinfurmawh li kien qed joqgħod l-ilma tax-xita ħdejn il-Knisja bejn il-bankina u r-rampa. Is-Sindku ser ikun qed jara x' jista' jsir.

7.8 Clayton Gauci semma' li l-U-Bend ta' quddiem il-ħanut 'Pure' kienet għada ma twaħlitx. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li meta staqsa lill-handyman tal-Kunsill dwar dan, ġie infurmat li sid ilanut kienet qed jitlob alterazzjoni fil- U-Bend u li dan ma setax isir, imma kellha ssir bħall-oħrajn.

7.9 Elizabeth Ebejer irrappurtat li l-bank ta' quddiem 'Il-Qiegħa' kien għadu ma twaħħalx f' postu. Is-Sindku informa li dan kellu jsir fil-ġimgħat li ġejjin.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fid-9:25pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 29 ta' Jannar 2014.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku